# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011    Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt


**Seduta numru 42 tas-Sitt Leġislatura**
**Illum it-Tnejn 2 ta' April 2012**

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Rapporti dwar l-offerti u tenders mitfugħa
5. Festa Frawli 2012
6. Konferenza Cypfire
7. Proġett ta' Riġenerazzjoni tal-Housing Estate
8. Fixed Asset Register
9. Affarijiet Mixxellanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Giovanni Gatt, il-Kunsilliera Maria Said u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Minuti**

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

1.2 Punti mill-Minuti :

- dwar punt 3.2 : is-Sindku għarraf li ġew ikkommissjonati 4 surveys mingħand il-perit: il-Ġnien tal-Bandli ta' Wesgħet il-Ġublew, Triq il-Kbira, il-lattrini pubbliċi tal-Bajja tal-Ġnejna u iċ-Ċimiterju.

- dwar punt 5.1: il-Kunsillier Clayton Gauci informa li r-rapport dwar dan ix-xogħol kien ser jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin.

## 2 Korrispondenza

2.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

2.2 Il-Kunsill innota wkoll ir-rapporti li daħlu fis-sistema tal-*Customer Care*. Dawn ġew diskussi u ttieħdu deċiżjonijiet dwarhom.

2.3 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 F' waħda mill-korrispondenza tal-MEPA, is-Sindku informa lill-kumplament tal-Kunsill li l-Kunsill kien ser iħallas somma ta' €428.61 minħabba twessih li kien sar ta' triq fiż-Żebbiegħ, imma li ser twassal biex tikkonkludi proċeduri li kienu ilhom is-snin mhux solvuti.

## 4. Rapporti dwar l-offerti u tenders mitfugħa

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K1 : Servizz ta' Tindif u Manutenzjoni tal-Lattrini Pubbliċi ta' Ġnien Skorba, L-Imġarr**

  Wara li ġie rrappurtat l-eżitu tal- laqgħa mas-Sur Alex Fenech tal-EuroClean, li kien tefa' l-aktar offerta vantaġġuża, kien hemm qbil unanimu li jiġi aċċettat is-servizz tiegħu u li s-Sur Fenech jibda' b' dan ix-xogħol mid-9 ta' April 2012.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K2 : Proviżżjon ta' sinjal ta' 'Merħba' fil-lokalita'**

  Sign Services qegħdin jaħdmu fuq it-tabella, u bagħtu id-disinn lill-Kunsill. Dan ġie emendat u mibgħut lura lill-kumpanija.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K3 : Servizz ta' rinnovament taż-żebgħa tal-iskrizzjonijiet ta' monumenti u lapidi kommemorattivi fil-lokalita'.**
  Il-Kunsillier Giovann Gatt kien ser javviċina lis-Sur Mario Caruana biex jagħti stima tax-xogħol, peress li l-Kunsill ma' kien irċieva l-ebda kwotazzjoni wara l-ħruġ tas-sejħa.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K5 : Servizz ta' modifika fil-magna tal-vann tal-Kunsill**
  Il-Kunsill għadu qed ifittex kwotazzjonijiet għall-dan ix-xogħol.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K6 : Proviżżjon ta' viti ta' l-ilma bil-'push-button' għal-lattrini pubbliċi**
  Is-Sur Frankie Portelli ġie informat biex ilesti dan ix-xogħol, preferibbilment qabel Festa Frawli.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K7 : Proviżżjon ta' servizz ta' tindif tal-bini amministrattiv**
  Saret diskuzzjoni dwar it-tliet offerenti. Kien hemm qbil unanimu biex tiġi aċċettata l-offerta tas-Sa. Eugenia Mifsud minħabba dawn il-fatturi :
  i. kellha aktar possibilita' ta' flessibilita' fil-ġranet tax-xogħol u l-ħinjiiet tas-servizzi tagħha;
  ii. kellha aktar esperjenza mill-oħrajn;
  iii. kienet l-aktar waħda li uriet ħeġġa u entużjażmu waqt l-intervista'm kif ukoll resqet proposti u inizzjattivi għal-titjieb fis-servizz.

- **Tender MGR 2012/01 – Provizjon ta' Servizz ta' 2 Handymen**
  Il-Kunsill evalwa l-proposta tas-Sur Paul Grech u s-sur Joe Sammut, u kkunsidra l-fatt li fis-snin imgħoddija dawn dejjem wettqu xogħol mill-aħjar li setgħu. Għaldqastant kien hemm qbil unanimu li tiġi aċċettata l-offerta ta' dawn it-tnejn.

## 5. Festa Frawli 2012

5.1 Ingħata rendikont tal-preparamenti li saru s-issa għall-Festa Frawli li ser tittella' nhar il-Ħadd 15 ta' April. Is-Sindku nforma li kienu saru diversi laqgħat mal-awtoritajiet u entitajiet konċernati biex jiġi assigurat il-fatt li ikun hemm aktar koordinament, speċjalment fejn jidħol l-immanniġġjar tat-traffiku.

5.2 Għall-dan il-għand ser terġa tiġi organizzata Park&Ride minn Ta' Qali, ser tinħoloq zona ta' parkeġġ għal-persuni bi' bżonnijiet speċjali (Blue Sticker) fi' Triq Ramiro Cali', Triq Sir Harry Luke ser tkun 'no-parking' speċjalment minn Triq San Filippu sa' Triq San Pietru. Se jkun hemm permessi għall-12 –il 'hawker' li jridu jakwistaw permess minn qabel mill-uffiċċju amministrattiv.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

**6. Konferenza Cypfire**

6.1 Bħala parti mill-proġett tal-MED, Cypfire, bejn is-16 u d-19 ta' April ser issir konferenza f' Malta organizzata mill-Kunsill bħala wieħed mill-partners ta' dan il-proġett. Għall-din il-konferenza ser jattendu rappreżentanti mill-Italja, Spanja, Corsica, Cipru, Turkija u Franza.

6.2 Id-Deputat Sindku Eman Vella ser ikun il-koordinatur ta' dan l-avveniment. Hu ta rendikont tal-preparamenti li saru u semma' kif il-qofol ta' din il-konferenza ser ikun is-Seminar dwar is-siġar taċ-ċipress u l-istudju dwarhom, li ser jitella' fil-Bella Vista Hotel il-Qawra nhar il-Ħamis 19 ta' April.

**7. Proġett ta' Riġenerazzjoni tal-Housing Estate**

7.1 Is-Sindku spjega kif kienet waslet l-aħbar li kien ser jiġi ffirmat ftehim mal-Awtorita' tad-Djar biex il-Kunsill ikun jista' jibbennifika min-skema ta' tisbih fl-oqsma tal-bini tal-gvern, sa massimu ta' €75,000. Il-Kunsill qed jippjana li jwettaq il-proġett ta' ġnien fl-inħawi tar-roundabout ta' Binġemma permezz ta' dawn il-fondi.

**8. Fixed-Asset Register**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għad-diskussjoni il-punt li, bħalma dejjem kien qed jiġi rrimarkat fir-rapporti tal-awdituri, Il-Kunsill Lokali m' għandux Fixed-Asset Register, hekk kif mitlub fil-liġi. Jidher li fil-bidu tat-twaqqif tal-Kunsill dan kien beda' jinżamm imma kien waqaf ftit wara u informazzjoni importanti fih kienet ġiet mitlufa hekk kif jixhdu minuti ta' dak iż-żmien. Għaldaqstant, wara li kellu diversi taħditiet dwar dan mal-accountant tal-Kunsill, mal-Awdituri, kif ukoll verbalment ma' nies fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li ssir talba uffiċċjali lid-Direttur dwar l-aħjar mod kif il-Kunsill għandu jipproċedi u jekk il-Kunsill għandux joħroġ sejħa biex jinbena' u jinżamm Fixed-Asset Reġister.

**9. Affarijiet Mixxelanji**

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposta biex titkabbar il-kapjenza tal-email tal-indirizz ġeneriku tal-Kunsill, peress li din qed tintella' ripetutament u toħloq inkonvenjent għall-istaff amministrattiv. Sar qbil dwar dan u ser jittieħdu l-pass neċċessarji.

9.2 Is-Sindku semma' li kien irċieva talba sabiex jiġi organizzat tieġ fil-bini tal-Kunsill, għall-numru żgħir ta' nies (madwar 50 persuna). Saret diskuzzjoni dwar dan peress li kienet l-ewwel darba li saret talba simili.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

9.3 Clayton Gauci staqsa meta kienu ser jeħlu l-bozzoz li ġew approvati. Is-Sindku informa li l-Kunsill kien qed jistenna risposta min-naħa tal-kuntrattur wara li saret it-talba ghalihom.

9.4 Clayton Gauci staqsa wkoll dwar żvilluppi li kien hemm dwar it-toroq tal-PPP. Is-Sindku informa li l-kuntrattur kien infurmat u x-xogħol kien wasal biex jibda'.

9.5 Clayton Gauci staqsa meta kien hemm il-ħsieb li toħroġ l-edizzjoni li jmiss ta' 'Il-Miġbħa'. Eman Vella semma' li l-pjan hu li din toħroġ matul is-sajf, bejn Ġunju u Lulju.

9.6 Giovann Gatt irrapporta kif Triq iċ-Ċimiterju hija mudlama ħafna u ssuġġerrixxa li ssir talba biex din it-triq tiddawwal. Kien hemm qbil dwar dan.

9.7 Maria Said irrappurtat li kien qed ikun hemm ħafna żibel fi' Triq il-Kbira, in-naħa ta' wara l-Knisja. Il-Kuntrattur ser jiġi mgħarraf biex il-post jinżamm nadif.

9.8 Eman Vella rrapporta li kien hemm kanna ta' ilma mifqugħa in-naħa ta' Ras il-Ġebel. Ser isir rapport lill-WSC biex din tittranġa.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.45pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn, 23 ta' April 2012 fil-5.30pm, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku